## P7_TA(2010)0092

## Is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tar-regoli dwar il-fatturazzjoni *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tar-regoli dwar il-fatturazzjoni (COM(2009)0021 – C6-0078/2009 – 2009/0009(CNS))**

**(Proċedura ta' konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0021),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 93 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0078/2009),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill “Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa” (COM(2009)0665),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0065/2010),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal- Unjoni Ewropea;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jinnotifika lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jibdel il-proposta approvata mill-Parlament b'test ġdid;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsulta lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Biex ikunu megħjuna l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex iħallsu l-VAT lill-awtorità kompetenti qabel ma jkunu rċevew il-ħlas mill-klijenti tagħhom, l-Istati Membri ***għandu jkollhom l-għażla biex jippermettu*** li l-VAT tinħadem permezz ta' sistema bbażata fuq ħlasijiet, li tippermetti lill-fornitur biex iħallas il-VAT lill-awtorità kompetenti wara li dan jirċievi l-ħlas għall-provvista u li tistabbilixxi d-dritt tiegħu tat-tnaqqis meta jitħallas għall-provvista. Dan għandu jippermetti lill-Istati Membri biex jintroduċu sistema bbażata fuq ħlasijiet mhux obbligatorja li ma jkollhiex effett negattiv fuq il-bilanċ ta' dħul ta' flus relatat mal-irċevuti tal-VAT tagħhom. | (4) Biex ikunu megħjuna l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex iħallsu l-VAT lill-awtorità kompetenti qabel ma jkunu rċevew il-ħlas mill-klijenti tagħhom, l-Istati Membri ***għandhom jippermettu*** li l-VAT tinħadem permezz ta' sistema *ta' kontabilita'* bbażata fuq ħlasijiet, li tippermetti lill-fornitur biex iħallas il-VAT lill-awtorità kompetenti wara li dan jirċievi l-ħlas għall-provvista u li tistabbilixxi d-dritt tiegħu tat-tnaqqis meta jitħallas għall-provvista. Dan għandu jippermetti lill-Istati Membri biex jintroduċu sistema *ta' kontabilita'* bbażata fuq ħlasijiet mhux obbligatorja li ma jkollhiex effett negattiv fuq il-bilanċ ta' dħul ta' flus relatat mal-irċevuti tal-VAT tagħhom. |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7 a (ġdid)**
Direttiva 2006/112/KE
Artikolu 91 – paragrafu 2 - subparagrafu 1 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Fl-Artikolu 91(2), is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied wara l-ewwel subparagrafu:*** <br><br> ***"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw ir-rata tal-kambju ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew fil-jum li fih it-taxxa għandha tiġi imposta jew, jekk ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda rata tal-kambju dak inhar, dik li tkun ġiet ippubblikata l-jum preċedenti għal dak li fih għandha tiġi imposta it-taxxa. Meta l-ebda munita*** |

| | |
|---|---|
| | ***ma tkun l-euro, ir-rata tal-kambju għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi tar-rata tal-kambju bejn dawk il-muniti u l-euro."*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8**
Direttiva 2006/112/KE
Artikolu 167a – paragrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu li fi ħdan skema mhux obbligatorja l-persuni taxxabbli għandhom, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin, jipposponu d-dritt tat-tnaqqis sakemm il-VAT titħallas lill-fornitur: | 2. L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu li fi ħdan skema mhux obbligatorja l-persuni taxxabbli għandhom, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin, jipposponu d-dritt tat-tnaqqis sakemm il-VAT titħallas lill-fornitur: |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9 – sottopunt c**
Direttiva 2006/112/KE
Artikolu 178 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) Il-punt (f) jinbidel b'dan li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***"(f) meta jkun meħtieġ iħallas il-VAT bħala klijent fejn japplikaw l-Artikoli 194 sa 197 jew l-Artikolu 199, dan irid ikollu fattura magħmula skont it-Taqsimiet 3 sa 6 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu XI u jrid ikun konformi mal-formalitajiet kif stabbilit minn kull Stat Membru."*** | |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 14**
Direttiva 2006/112/KE
Artikolu 219a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-ħruġ ta' fattura għandu jkun soġġett | 1. Il-ħruġ ta' fattura għandu jkun soġġett |

għar-regoli li japplikaw fl-Istat Membru ***li jkun ħareġ lill-persuna taxxabbli kkonċernata n-numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT li taħtu tkun għamlet il-provvista***.

***Jekk ma jkunx jeżisti tali numru***, ir-regoli għandhom ikunu dawk li japplikaw fl-Istat Membru li fih il-fornitur ikun stabbilixxa n-negozju tiegħu jew ikollu stabbiliment fiss li minnu ssir il-provvista jew, fin-nuqqas ta' dan il-post ta' negozju jew stabbiliment fiss, li fih ikollu l-indirizz permanenti tiegħu jew li s-soltu jgħix fih ***jew li jkun meħtieġ mod ieħor sabiex jiġi identifikat għal finijiet ta' VAT***.

2. Fejn ***klijent li jirċievi provvista ta' merkanzija jew servizzi jkun stabbilit fi Stat Membru minbarra dak li minnu tkun saret il-provvista u l-klijent ikun responsabbli biex iħallas il-VAT***, il-ħruġ tal-fattura għandu jkun soġġett għar-regoli li japplikaw fl-Istat Membru ***li jkun ħareġ in-numru tar-reġistrazzjoni tal-***VAT ***li taħtu l-klijent ikun irċieva l-provvista***."

għar-regoli li japplikaw fl-Istat Membru ***fejn trid titħallas il-VAT***.

***Meta l-VAT m' għandhiex titħallas fl-Unjoni***, ir-regoli għandhom ikunu dawk li japplikaw fl-Istat Membru li fih il-fornitur ikun stabbilixxa n-negozju tiegħu jew ikollu stabbiliment fiss li minnu ssir il-provvista jew, fin-nuqqas ta' dan il-post ta' negozju jew stabbiliment fiss, li fih ikollu l-indirizz permanenti tiegħu jew li s-soltu jgħix fih.

***Meta l-fornitur li joħroġ fattura għal provvista taxxabbli ta' merkanzija jew servizzi ma jkunx stabbilit fl-Istat Membru fejn il-VAT għandha tiġi mħallsa u l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT tkun id-destinarju tal-merkanzija jew servizzi, il-ħruġ tal-fattura għandu jkun soġġett għar-regoli li japplikaw fl-Istat Membru fejn il-fornitur ta' merkanzija jew servizzi jkun stabbilixxa n-negozju tiegħu jew ikollu stabbiliment fiss minn fejn issir il-provvista.***

***Jekk il-fornitur ma jkollux stabbiliment fl-Unjoni, il-ħruġ tal-fatturi ma għandux ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.***

2. Meta ***id-destinarju tal-merkanzija jew servizzi joħroġ fattura (awtofatturazzjoni) u huwa responsabbli għall-ħlas tal-VAT***, il-ħruġ tal-fattura għandu jkun soġġett għar-regoli li japplikaw fl-Istat Membru ***fejn il-***VAT ***għandha titħallas***.

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 16**
Direttiva 2006/112/KE
Artikolu 220a – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) fejn l-ammont taxxabbli tal-provvista ta’ merkanzija jew servizzi jkun inqas minn ***EUR 200***; | (a) fejn l-ammont taxxabbli tal-provvista ta’ merkanzija jew servizzi jkun inqas minn ***EUR 300***; |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 17**
Direttiva 2006/112/KE
Artikolu 221

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jimponu fuq persuni taxxabbli l-obbligu li joħorġu fattura ***simplifikata*** fir-rigward ta’ provvisti ta’ merkanzija jew servizzi minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 220, fejn il-post tal-provvista ta’ dik il-merkanzija jew dawk is-servizzi jkun fit-territorju tagħhom. | ***1.*** L-Istati Membri jistgħu jimponu fuq persuni taxxabbli l-obbligu li joħorġu fattura ***abbażi tal-Artikolu 226 jew l-Artikolu 226b*** fir-rigward ta’ provvisti ta’ merkanzija jew servizzi minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 220, fejn il-post tal-provvista ta’ dik il-merkanzija jew dawk is-servizzi jkun fit-territorju tagħhom. |
| | ***2. L–Istati Membri jistgħu jeħilsu persuni taxxabbli mill-obbligu stabbilit fl-Artikolu 220 jew fl-Artikolu 220a li joħorġu fattura rigward provvisti ta' merkanzija jew servizzi li jkunu għamlu fit-territorju tagħhom u li jkunu eżenti, bil-possibilità ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti jew mingħajru, skont l-Artikoli 110 u 111, l-Artikolu 125(1), l-Artikolu 127, l-Artikolu 128(1), l-Artikoli 132, 135, 136, 375, 376 u 377, l-Artikolu 378(2), l-Artikolu 379(2) u l-Artikoli 380 sa 390.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 17**
Direttiva 2006/112/KE
Artikolu 222

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-fattura għandha tinħareġ sa mhux aktar tard mill-15-il jum ***tax-xahar*** wara dak li fih ikun seħħ avveniment li jagħti lok għall-ħlas. | Il-fattura għandha tinħareġ sa mhux aktar tard mill-15-il jum ***tat-tieni xahar*** wara dak li fih ikun seħħ avveniment li jagħti lok għall-ħlas. |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 19 – sottopunt a**
Direttiva 2006/112/KE
Artikolu 226 – punt 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) in-numru tal-identifikazzjoni tal-VAT tal-klijent kif imsemmi fl-Artikolu 214;" | (4) in-numru tal-identifikazzjoni tal-VAT tal-klijent kif imsemmi fl-Artikolu 214***, li taħtu l-klijent irċieva provvista ta' merkanzija jew servizzi li fir-rigward tagħha l-klijent huwa responsabbli għall-ħlas tal-VAT, jew irċieva provvista ta' merkanzija kif imsemmi fl-Artikolu 138***; |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 20**
Direttiva 2006/112/KE
Article 226b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-dettalji biss li ġejjin huma meħtieġa għall-fatturi simplifikati maħruġa skont l-Artikoli 220a u 221: | ***1.*** Id-dettalji biss li ġejjin huma meħtieġa għall-fatturi simplifikati maħruġa skont l-Artikoli 220a u 221: |
| (a) id-data tal-ħruġ; | (a) id-data tal-ħruġ; |
| (b) l-identifikazzjoni tal-persuna taxxabbli li tagħmel il-provvista; | (b) l-identifikazzjoni tal-persuna taxxabbli li tagħmel il-provvista***, bl-indikazzjoni tan-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' dik il-persuna***; |
| (c) l-identifikazzjoni tat-tip ta' oġġetti jew servizzi pprovduti u l-valur tagħhom; | (c) l-identifikazzjoni tat-tip ta' oġġetti jew servizzi pprovduti u l-valur tagħhom; |
| (d) l-ammont ta' VAT li jrid jitħallas jew li jrid jiġi kkreditat, jew l-informazzjoni meħtieġa biex dan ikun ikkalkulat**.**" | (d) ***ir-rata tal-VAT u*** l-ammont ta' VAT li jrid jitħallas jew li jrid jiġi kkreditat, jew l-informazzjoni meħtieġa biex dan ikun ikkalkulat***;*** |
| | ***(da) fejn il-fattura maħruġa hija dokument jew messaġġ li temenda/jemendaw fattura inizjali kif imsemmi fl-Artikolu 219, ir-referenza speċifika u mhux ambigwa għal dik il-fattura inizjali.*** |
| | ***2. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***fatturi simplifikati maħruġa skont l-Artikoli 220a u 221 jinkludu l-informazzjoni addizzjonali li ġejja fir-rigward ta' tranżazzjonijiet speċifiċi jew kategoriji ta' persuni taxxabbli:***<br><br>***(a) l-identifikazzjoni tal-persuna taxxabbli li tagħmel il-provvista, bl-indikazzjoni tal-isem u l-indirizz ta' dik il-persuna;***<br><br>***(b) numru ta' sekwenza, ibbażat fuq serje waħda jew aktar, li jidentifika biss il-fattura;***<br><br>***(c) l-identifikazzjoni tal-klijent, bl-indikazzjoni tan-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT kif ukoll l-isem u l-indirizz tal-konsumatur;***<br><br>***(d) fejn ikun hemm eżenzjoni mill-VAT, jew fejn il-klijent huwa resposabbli għall-ħlas tal-VAT, id-dettalji li huma meħtieġa skont l-Artikoli 226 u 226a.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 22**
Direttiva 2006/112/KE
Artikolu 230

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-ammonti li jidhru fil-fattura jistgħu jkunu mfissra fi kwalunkwe munita, sakemm l-ammont tal-VAT li jrid jitħallas jew jiġi kkreditat ikun imfisser fil-munita nazzjonali tal-Istat Membru li fih issir il-provvista tal-merkanzija jew tas-servizzi, billi tintuża ***r-rata*** tal-kambju ***ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-jum li fih tiġi imposta t-taxxa, jew, f'każ li f'dik il-ġurnata din ma tiġix ippubblikata, għall-jum ta' qabel dik tal-pubblikazzjoni***." | L-ammonti li jidhru fil-fattura jistgħu jkunu mfissra fi kwalunkwe munita, sakemm l-ammont tal-VAT li jrid jitħallas jew jiġi kkreditat ikun imfisser fil-munita nazzjonali tal-Istat Membru li fih issir il-provvista tal-merkanzija jew tas-servizzi, billi tintuża ***waħda mir-rati*** tal-kambju ***msemmija fl-Artikolu 91***. |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 25**
Direttiva 2006/112/KE
Artikoli 233, 234, 235 u 237

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) L-Artikoli 233, 234, 235 ***u 237*** huma mħassra. | (25) L-Artikoli 233, 234 ***u*** 235 jitħassru. |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 25 a (ġdid)**
Direttiva 2006/112/KE
Artikolu 237

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(25a) L-Artikolu 237 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*** <br><br> ***"Artikolu 237*** <br><br> ***Kull Stat Membru, sal-31 ta' Diċembru 2013, għandu jressaq lill-Kummissjoni rapport ta' valutazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-fatturazzjoni elettronika. Dawk ir-rapporti għandhom jispeċifikaw b'mod partikolari kwalunkwe diffikultà teknika jew nuqqas li jkunu ffaċċjaw il-persuni taxxabbli jew l-amministrazzjoni fiskali, inkluża l-valutazzjoni tal-impatt ta' kwalunkwe attività ta' frodi relatata mal-fatturazzjoni elettronika bħala riżultat tat-tneħħija tar-rekwiżit li jiġi inkluż l-EDI jew il-firma elettronika fil-fatturi elettroniċi. Sal-1 ta Lulju 2014, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' proposti adegwati, fuq il-bażi tar-rapporti ta' valutazzjoni tal-Istati Membri."*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 29**
Direttiva 2006/112/KE
Artikolu 244 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iż-żamma ta' fattura għandha tkun soġġetta | ***Fattura tista' tinżamm fl-istess forma li*** |

| | |
|---|---|
| għar-regoli li japplikaw fl-Istat Membru li fih il-persuna taxxabbli tkun stabbiliet in-negozju tagħha jew ikollha stabbiliment fiss li minnu jew li għalih tkun saret il-provvista jew, fin-nuqqas ta' tali post ta' negozju jew stabbiliment fiss, li fih din ikollha l-indirizz permanenti tagħha jew li normalment tkun tgħix fih jew li jkun b'mod ieħor meħtieġ sabiex din tkun identifikata għal finijiet ta' VAT. | ***tkun ġiet irċevuta, kemm jekk fuq karta kif ukoll jekk elettronika. Alternattivament, fattura fuq karta tista' tiġi sostitwita b'waħda elettronika.*** F'aspetti oħrajn, iż-żamma ta' fattura għandha tkun soġġetta għar-regoli li japplikaw fl-Istat Membru li fih il-persuna taxxabbli tkun stabbiliet in-negozju tagħha jew ikollha stabbiliment fiss li minnu jew li għalih tkun saret il-provvista jew, fin-nuqqas ta' tali post ta' negozju jew stabbiliment fiss, li fih din ikollha l-indirizz permanenti tagħha jew li normalment tkun tgħix fih jew li jkun b'mod ieħor meħtieġ sabiex din tkun identifikata għal finijiet ta' VAT. |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 32**
Direttiva 2006/112/KE
Artikolu 247

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-persuna taxxabbli għandha tiżgura ż-żamma tal-fatturi għal perjodu ta' ***sitt snin***. | Il-persuna taxxabbli għandha tiżgura ż-żamma tal-fatturi għal perjodu ta' ***ħames snin***. ***Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali f'oqsma mhux relatati mal-VAT, li jistabbilixxu perjodi obbligatorji ta' ħażna differenti għal dokumenti ta' prova, inklużi fatturi.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 34**
Direttiva 2006/112/KE
Artikolu 248a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(34) Fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 4 tat-Titolu XI, qed jiddaħħal l-Artikolu 248a li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***"L-Artikolu 248a*** | |

***Għal finijiet ta' kontroll, l-Istati Membri li fihom hija dovuta t-taxxa jistgħu jeħtieġu li fatturi partikolari jiġu tradotti fil-lingwi uffiċjali tagħhom."***

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 36 a (ġdid)**
Direttiva 2006/112/KE
Titolu XIV – Kapitolu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(36a) Il-Kapitolu li ġej qed jiddaħħal wara l-Artikolu 401:*** |
| | ***"Kapitolu 4a*** |
| | ***E-administration (amministrazzjoni elettronika)*** |
| | ***Artikolu 401a*** |
| | ***Sabiex tiġi żviluppata attivament e-amministrazzjoni effikaċi u affidabbli, il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni ta' miżuri u għodda eżistenti tal-amministrazzjoni elettronika fl-Istati Membri u ssaħħaħ l-iskambju tal-aħjar prattiki fostl-Istati Membri f'dak il-qasam. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandja tuża l-programm Komunitarju sabiex ittejjeb l-operat ta' sistemi ta' tassazzjoni fis-suq intern (Fiscalis 2013), stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1482/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] flimkien ma' finanzjament ieħor eżistenti tal-Unjoni, bħall-Fondi Strutturali biex tipprovdi assistenza teknika lill-Istati Membri li l-iktar li jeħtieġu aġġorament tal-amministrazzjoni elettronika tagħhom permess ta' aċċess għal u użu ta' sistemi maġġuri ta' teknoloġija tal-informatika madwar l-Unjoni.*** |
| | ***[1] ĠU L 330, 15.12.2007, p. 1.*** |